MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 995/2012

Il-Pulizija
(Sp Carol Fabri)
vs
Abdirahman Ali Hassan, iben Ali Hassan, imwieled is-Somalja fl-1 ta’ Jannar, 1982, karta ta’ l-identita numru 46854(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f’dawn il-Gżejjer, fis-27 ta’ Settembru, 2012 mexxa biljetti tal-flus maltin falsifikati, meta kien jaf li kienu falsifikati;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorita legali jew mingħajr skuza leġittima jew raġonevoli xtara jew irċieva mingħand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess

tiegħu biljetti tal-flus maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati;
Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana u tad-Direttur Ġenerali tal-VAT:
3. talli fis-27 ta' Settembru, 2012 wara tfittxija li saret minn uffiċjali tal-pulizija fil-Ħal-Far Open Centre, instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll laqa' għandu zamm jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depozt ta' dawn l-imsemmija sigaretti bla dazju, fi kwantita', kif deskritt hawn taħt, u dan, bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn dazji u it-taxxa li jkun imiss titħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:
12 il-kartuna, b'200 sigarett kull kartuna 'Manchester';
3 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna 'American Legend';
9 pakketti, b'20 sigarett kull pakkett 'Richman';
52 pakkett, b'20 sigarett kull pakkett 'L & M'.
Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u il-pussess tagħhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta' €122.38, dazju tas-sisa dovut ta' €552.36, kif ukoll dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) li jammontaw għal €70.49 u €134.14 rispettivament, liema dazji u taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati,
U dan bi ksur ta':
l-artikoli 60(b)(ċ)(k), 62(a)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta;
l-artikoli 16(1)(j) u 17(1)(b)(d), kif ukoll tar-Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta' l-1998).

Rat il-'letter to prosecute' tat-28 ta' Settembru, 2012 tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana.

Rat il-'letter to prosecute'tat-28 ta' Settembru, 2012 tad-Direttur Ġenerali tal-VAT.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikoli 60(b)(ċ)(k), 62(a)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikoli 16(1)(j) u 17(1)(b)(d), kif ukoll tar-Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda ta’ l-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta’ l-1998) u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ €1,869 li terz minnha hu dejn ċivili dovut lid-Dipartiment tad-Dwana. Tordna wkoll il-konfiska tas-sigaretti eżebiti favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------